Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11813/25**

**ENER 381**
**ENV 726**
**MARE 30**
**COMAR 35**
**PROCIV 104**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 409 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI<br>Rapport Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore għas-Sena 2023 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 409 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 409 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2025
COM(2025) 409 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**Rapport Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore għas-Sena 2023**

MT MT

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## Rapport Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore għas-Sena 2023

## Werrej


1. INTRODUZZJONI ........ 2
2. BAŻI LEGALI ........ 3
3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA ........ 3
4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE TAL-UE ........ 4
   4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni ........ 4
   4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet tal-infurzar offshore u qafas regolatorju ........ 6
5. INĊIDENTI U PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA ........ 7
6. KONKLUŻJONIJIET ........ 8

# 1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea ilha mill-2016 tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE.

Il-bażi legali ta’ dan ir-rapport hija d-Direttiva 2013/30/UE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 2013 dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (minn hawn ’il quddiem: id-“Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore”). Din għandha l-għan li tikseb livell għoli ta’ sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, għall-ġid:

i. tal-ħaddiema.
ii. tal-ambjent.
iii. tal-pjattaformi u t-tagħmir offshore.
iv. tal-attivitajiet ekonomiċi, bħas-sajd u t-turiżmu.

Id-Direttiva, kif implimentawha l-Istati Membri, tgħin biex:

i. jiġu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti kbar.
ii. jonqos l-għadd ta’ inċidenti.
iii. ikun żgurat segwitu effettiv tal-aċċidenti u tal-inċidenti ħalli tonqos is-severità tal-konsegwenzi tagħhom.

Bħalma sar fir-rapporti tal-passat, dan ir-rapport annwali:

i. jagħti l-għadd u t-tip ta’ installazzjonijiet fl-UE.
ii. jipprovdi informazzjoni dwar l-inċidenti tas-sikurezza f’dawn l-installazzjonijiet.
iii. jivvaluta l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

Ir-rapport issa jkopri perjodu ta’ 8 snin, u jservi bħala rekord tal-prestazzjoni tas-sikurezza fl-attivitajiet taż-żejt u tal-gass offshore tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport hu bbażat fuq ir-rapporti annwali u d-data li ppreżentaw l-Istati Membri kif tirrikjedi d-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore.

Fil-Baħar Mediterran hemm 164 installazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Oċean Atlantiku hemm 136, fil-Baħar l-Iswed hemm 9 u fil-Baħar Baltiku hemm 4. Fl-2023, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw is-sikurezza ta’ 388 installazzjoni offshore fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-pajjiżi ma rrappurtaw l-ebda aċċident kbir.

L-għadd ta’ inċidenti żdied minn 37 fl-2022 għal 44 fl-2023.

1 ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.

# 2. BAŻI LEGALI

F'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni trid tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza u l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Dan ir-rapport hu bbażat fuq rapporti annwali individwali li l-Istati Membri jridu jippreżentaw lill-Kummissjoni. L-Anness IX(3) tad-Direttiva jistabbilixxi l-informazzjoni minima li jrid ikun fihom ir-rapporti annwali:

i. l-għadd, l-età u l-post tal-installazzjonijiet.
ii. l-għadd u t-tip tal-ispezzjonijiet u tal-investigazzjonijiet imwettqa, u l-azzjonijiet tal-infurzar jew il-kundanni.
iii. l-inċidenti li ġraw.
iv. kull bidla kbira fil-qafas regolatorju offshore.
v. il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

L-Istati Membri jridu jippubblikaw u jippreżentaw l-informazzjoni meħtieġa sal-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rappurtar (eż. l-1 ta' Ġunju 2024 għall-2023).

L-Istati Membri jridu jippreżentaw l-informazzjoni bil-mudelli pprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014[2]. Il-mudelli jippermettu li:

i. l-operaturi u s-sidien tal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore jaqsmu l-informazzjoni bejniethom dwar l-indikaturi ta' perikli kbar.
ii. l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar.

Dokument gwida[3] jipprovdi informazzjoni speċifika dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u jispjega kif iridu jintużaw il-mudelli tar-rappurtar.

# 3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA

L-Istati Membri jridu jippreżentaw informazzjoni definita b'mod ċar dwar l-inċidenti tas-sikurezza fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore billi jużaw il-mudelli. Id-*data* jrid ikun fiha informazzjoni dwar l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE, bħal pereżempju l-għadd, it-tip, il-post u l-età. Ir-rapporti tal-Istati Membri jrid ikun fihom ukoll informazzjoni dwar l-għadd ta' (i) spezzjonijiet, investigazzjonijiet u azzjonijiet tal-infurzar offshore li saru; (ii) l-inċidenti skont il-kategorija, u (iii) il-korrimenti.

Għal dan ir-rapport annwali, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni li taw il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, Malta, in-

2 ĠU L 302, 22.10.2014, p. 2.
3 Id-Dokument Gwida dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014

Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, u Spanja. L-Istati Membri l-oħra ma kinux attivi fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore jew ma ppreżentawx informazzjoni rilevanti. L-Istati Membri kollha b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore iddikjaraw li kienu ppreżentaw l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-installazzjonijiet kollha.

# 4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE TAL-UE

## 4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni

Fl-2023, l-Istati Membri rrappurtaw 313-il installazzjoni fl-ilmijiet tal-UE (ara t-Tabella 1):

- Il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet offshore[4] kienu fil-Baħar Mediterran. L-Italja hija l-aktar pajjiż attiv (b'45 % tal-installazzjonijiet kollha fl-ilmijiet tal-UE) u warajha l-Kroazja.
- Fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku, ħafna mill-installazzjonijiet (madwar 37 % tal-installazzjonijiet kollha fl-ilmijiet tal-UE) kienu fil-parti Olandiża tal-Baħar tat-Tramuntana (magħrufa bħala ż-żona ekonomika esklużiva tan-Netherlands).
- Fil-Baħar l-Iswed, ir-Rumanija għandha industrija taż-żejt u tal-gass offshore stabbilita sew. Il-Bulgarija kompliet l-esplorazzjoni tal-idrokarburi offshore, iżda kellha biss installazzjoni waħda u għalhekk ftit li xejn tipproduċi żejt u gass.
- Fil-Baħar Baltiku, il-Polonja biss għandha installazzjonijiet offshore.

*Tabella 1: Installazzjonijiet fl-1 ta' Jannar 2023: tip ta' installazzjoni skont ir-reġjun u l-Istat Membru*

| **Reġjun** | **Pajjiż** | **Tip ta' installazzjoni (*)** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | FMI | NUI | FNP | FPI | Total (reġjun/pajjiż) | Bidla mqabbla mal-2022 |
| **Il-Baħar Baltiku** | | **3** | **1** | **0** | **0** | **4** | **--** |
| | Il-Polonja | 3 | 1 | 0 | 0 | 4 | -- |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **5** | **4** | **0** | **0** | **9** | **+1** |
| | Il-Bulgarija | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | -- |
| | Ir-Rumanija | 5 | 3 | 0 | 0 | 8 | +1 |
| **Il-Baħar Mediterran** | | **15** | **147** | **0** | **2** | **164** | **0** |
| | Il-Kroazja | 2 | 17 | 0 | 0 | 19 | -- |
| | Il-Greċja | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | -- |
| | L-Italja | 11 | 127 | 0 | 2 | 140 | -- |
| | Spanja | 1 | 2 | 0 | 0 | 3 | 0 |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | **39** | **92** | **5** | **0** | **136** | **+1** |
| | Id-Danimarka | 7 | 11 | 1 | 0 | 19 | -- |
| | Il-Ġermanja | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | -- |
| | L-Irlanda | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | -2 |

[4] L-unitajiet mobbli tat-tħaffir offshore mhumiex parti mid-data fit-Taqsima 4.1.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | In-Netherlands | 31 | 80 | 4 | 0 | 115 | +3 |
| **Total (tip ta' installazzjoni)** | | **62** | **244** | **5** | **2** | **313** | **+2** |

(*) FMI: Installazzjoni fissa, bl-ekwipaġġ; FNP: Installazzjoni fissa, mhux tal-produzzjoni; FPI: Installazzjoni tal-produzzjoni f'wiċċ l-ilma; NUI: Installazzjoni normalment mingħajr ekwipaġġ.

Aktar minn nofs l-installazzjonijiet offshore bdew joperaw bejn l-1980 u l-2000. Fl-2023 bdew joperaw żewġ installazzjoni fissi ġodda. Mill-2010 sal-lum, l-iżvilupp tal-installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni naqas notevolment fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku.

Madwar 74 % taż-żejt u l-gass domestiku tal-UE (15 518 ekwivalenti ta' kilotunnellati ta' żejt (minn hawn 'il quddiem: "ktoe") hu prodott fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku (ara t-Tabella 2). L-akbar kontributuri fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku huma n-Netherlands u d-Danimarka. L-Italja u l-Kroazja huma l-akbar produtturi fil-Baħar Mediterran. Spanja u l-Greċja ma pproduċew xejn. Fil-Baħar l-Iswed, il-produzzjoni tar-Rumanija biss hi sinifikanti.

*Tabella 2: Il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE f'ktoe fl-2023*

| Reġjun | Pajjiż | ktoe | % tat-total tal-UE | % tal-bidla mqabbla mal-2022 |
|---|---|---|---|---|
| **Il-Baħar Baltiku** | | **284** | **1.8 %** | **+ 4.7 %** |
| | Il-Polonja | 284 | 1,8% | + 4.7 % |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **1786** | **11.5 %** | **+93.7 %** |
| | Il-Bulgarija | 7 | 0.0 % | -50.3 % |
| | Ir-Rumanija | 1778 | 11.5 % | +96.1 % |
| **Il-Baħar Mediterran** | | **1897** | **12.2 %** | **-8.3 %** |
| | Il-Kroazja | 193 | 1,2% | -2.3 % |
| | Il-Greċja | 60 | 0.4 % | -- |
| | L-Italja | 1645 | 10.6 % | -12.1 % |
| | Spanja | 0 | 0.0 % | -- |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | **11552** | **74.4 %** | **-11.2 %** |
| | Id-Danimarka | 4700 | 30.3 % | +6.0 % |
| | Il-Ġermanja | 706 | 4.5 % | -6.5 % |
| | In-Netherlands | 6146 | 39.6 % | -21.3 % |
| **Total** | | **15 518** | **100%** | **-4.6 %** |

Il-produzzjoni żdiedet fir-Rumanija (+ 96 %) b'valuri pożittivi wkoll fid-Danimarka (+ 6 %) u fil-Polonja (+ 4.7 %), iżda naqset fl-Istati Membri l-oħra kollha, partikolarment fin-Netherlands (li kompliet b'din it-tendenza mill-2022) u fil-Bulgarija. Il-Greċja reġgħet bdiet il-produzzjoni li twaqqfet

fl-2022. Spanja ma pproduċiet xejn. Meta mqabbla mal-produzzjoni fl-Istati Membri fl-2021, fl-2023 kien hemm telf ta' 4.6 % fil-produzzjoni (madwar 746 ktoe) fl-UE.

Mill-produzzjoni ġenerali fl-UE mkejla f'ktoe, 67 % kien gass u 33 % żejt. Id-Danimarka (3410 ktoe) kienet l-aktar produttur importanti taż-żejt, u warajha l-Ġermanja (698 ktoe), l-Italja (380 ktoe), il-Polonja (260 ktoe), in-Netherlands (265 ktoe), u l-Greċja (50 ktoe).

## 4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet tal-infurzar offshore u qafas regolatorju

Fl-2023, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw regolarment l-installazzjonijiet offshore fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom (ara t-Tabella 3). Aktar ma pajjiż ikollu installazzjonijiet, aktar normalment ikun wettaq spezzjonijiet.

Meta mqabbel mal-2022, l-għadd globali ta' spezzjonijiet fl-UE naqas (minn 524 għal 435). Filwaqt li l-għadd ta' spezzjonijiet żdied f'xi ġuriżdizzjonijiet (eż. ir-Rumanija), dan l-għadd naqas fil-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet.

Fin-Netherlands, l-għadd ta' spezzjonijiet naqas bi 30 meta mqabbel mal-2022. Fl-istess żmien, in-Netherlands iddekummissjonat 32 installazzjoni tul il-perjodu tar-rappurtar.

*Tabella 3: Spezzjonijiet offshore skont ir-reġjun u l-Istat Membru fl-2023*

| **Reġjun** | **Pajjiż** | **Spezzjonijiet** | **Jiem tax-xogħol għal kull installazzjoni (il-ħin tal-ivvjaġġar eskluż)** | **Għadd ta' installazzjonijiet spezzjonati** |
|---|---|---|---|---|
| **Il-Baħar Baltiku** | | **1** | **1** | **1** |
| | Il-Polonja | 1 | 1 | 1 |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **30** | **203** | **9** |
| | Il-Bulgarija | 0 | 0 | 0 |
| | Ir-Rumanija | 30 | 203 | 9 |
| **Il-Baħar Mediterran** | | **269** | **295** | **249** |
| | Il-Kroazja | 28 | 36 | 8 |
| | Ċipru | 2 | 6 | 2 |
| | Il-Greċja | 1 | 12 | 1 |
| | L-Italja | 238 | 241 | 238 |
| | Spanja | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | 135 | 219 | **129** |
| | Id-Danimarka | 20 | 123 | 16 |
| | Il-Ġermanja | 3 | 6 | 1 |
| | L-Irlanda | 0 | 0 | 0 |
| | In-Netherlands | 112 | 90 | 112 |

| Total | 435 | 718 | 388[5] |
|---|---|---|---|

L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore jagħti drittijiet u setgħat lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fuq l-operazzjonijiet u l-installazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn is-setgħat jinkludu d-dritt li jipprojbixxu operazzjonijiet u li jitolbu miżuri li jiżguraw il-konformità tal-ġestjoni tar-riskju u operazzjonijiet sikuri.

Fl-2023, ma saret l-ebda investigazzjoni dwar aċċidenti kbar (peress li ma ġie rrapportat l-ebda aċċident kbir).

Matul l-2023 ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' infurzar.

# 5. INĊIDENTI U PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

L-operaturi u s-sidien tal-installazzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali jridu jirrappurtaw kull aċċident jew sitwazzjoni ta' periklu serju (imsejħa "avveniment"). Iżda avveniment partikolari jista' jiġi kkategorizzat bħala inċident wieħed jew aktar. Ngħidu aħna, iridu jiġu notifikati żewġ kategoriji ta' inċidenti għall-istess avveniment meta jkun hemm (a) rilaxx mhux intenzjonat tal-gass li (b) jeżiġi l-evakwazzjoni tal-persunal.

Fl-2023, l-Istati Membri rrappurtaw 44 avveniment[6] meta mqabbla mas-37 fl-2022:

- Id-Danimarka – 12-il avveniment, iżda l-ebda aċċident kbir (l-istess bħall-2022).[7]
- Il-Kroazja – tmien avvenimenti, iżda l-ebda aċċident kbir (meta mqabbel maż-żewġ avvenimenti fl-2022).[8]
- In-Netherlands – 24 avveniment, iżda l-ebda aċċident kbir[9] (11-il avveniment fl-2022).[10]

Mill-inċidenti li ġraw fl-2023, 86.36 % kienu jappartjenu għall-kategorija tar-rilaxxi mhux intenzjonati tal-gass u/jew taż-żejt, 6.82 % kienu jappartjenu għall-fallimenti fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza, u 6.82 % għat-telf tal-bjar. L-ebda inċident minn dawn ma wassal għal imwiet. Barra minn hekk, ma ġew irrappurtati l-ebda ħabta tal-bastimenti jew aċċident bil-ħelikopter.

[5] Installazzjoni tista' tiġi spezzjonata aktar minn darba matul is-sena ta' rapportar; għalhekk l-"għadd ta' spezzjonijiet" (435) hu differenti minn dak ta' "installazzjonijiet totali" (388), minħabba l-għadd ta' faċilitajiet dekummissjonati tul is-sena u l-għadd ta' faċilitajiet li bdew joperaw matul is-sena.

[6] L-obbligu tar-rappurtar ma jkoprix ċerti avvenimenti (eż. dawk li mhumiex relatati mal-operazzjonijiet).

[7] Għad-Danimarka, kull wieħed mit-12-il inċident kien jinkludi rilaxxi mhux intenzjonati.

[8] Għall-Kroazja, mit-tmien avvenimenti, ħamsa kienu minħabba rilaxxi mhux intenzjonati, u tlieta minħabba fallimenti fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza.

[9] L-aċċidenti l-kbar jinkludu l-inċidenti li jistgħu jikkawżaw fatalitajiet jew korrimenti serji (anki jekk ma jkunux ġraw).

[10] Għan-Netherlands, l-inċidenti kienu tliet telfiet tal-bjar, u 21 rilaxx mhux intenzjonat.

*Tabella 4: Inċidenti skont il-kategorija (stabbiliti fl-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore) fl-2023*

| Kategorija | | Total | Sehem tat-total tal-kategorija | Sehem tal-inċidenti totali |
|---|---|---|---|---|
| **(a)** | **Rilaxxi mhux intenzjonati – total** | **38** | **100 %** | **86.36 %** |
| | Nirien ikkawżati minn żejt/gass imqabbad | 0 | 0% | 0.00 % |
| | Splużjonijiet ikkawżati minn żejt/gass imqabbad | 0 | 0% | 0.00 % |
| | Gass mhux imqabbad | 14 | 37 % | 31.82 % |
| | Żejt mhux imqabbad | 7 | 18 % | 15.91 % |
| | Sustanza perikoluża | 17 | 45 % | 38.64 % |
| **(b)** | **Telf tal-bjar – total** | **3** | **100 %** | **6.82 %** |
| | Żbroffi | 0 | 0% | 0.00 % |
| | Attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi | 3 | 100 % | 6.82 % |
| | Ħsara fl-ilqugħ tal-bjar | 0 | 0% | 0.00 % |
| **(c)** | **Falliment fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza** | **3** | **100 %** | **6.82 %** |
| **(d)** | **Telf ta' integrità strutturali – total** | **0** | **0%** | **0.00 %** |
| | Telf ta' integrità strutturali | 0 | -- | 0.00 % |
| | Telf ta' stabbiltà/kapaċità taż-żamma f'wiċċ l-ilma | 0 | -- | 0.00 % |
| | Telf ta' stabbiltà fl-istess post | 0 | -- | 0.00 % |
| **(e)** | **Ħabtiet tal-bastimenti** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **(f)** | **Aċċidenti bil-ħelikopters** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **(g)** | **Aċċidenti fatali (*)** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **(h)** | **Korrimenti serji ta' ħames persuni jew aktar fl-istess aċċident** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **(i)** | **Evakwazzjoni tal-persunal** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **(j)** | **Aċċidenti ambjentali** | **0** | **--** | 0.00 % |
| **Total** | | **44** | | **100.00 %** |
| (*) *Dawk biss relatati ma' aċċident kbir.* | | | | |

Fl-UE, it-total tal-inċidenti żdied minn 37 fl-2022 għal 44 fl-2023. Din id-differenza ġejja prinċipalment miż-żieda fir-rilaxxi mhux intenzjonati kemm taż-żejt kif ukoll tal-gass minn 28 għal 38. L-avvenimenti relatati man-nuqqasijiet fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza naqsu minn 7 għal 3. L-inċidenti li jinvolvu telf ta' bjar baqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess (minn tnejn fl-2022 għal tlieta fl-2023) u laħqu l-istess valur irrapportat tul l-2022. Fl-2023 l-ebda inċident ma ġie kklassifikat bħala aċċident kbir. L-awtoritajiet tal-Istati Membri qed jivvalutaw, flimkien mal-operaturi, il-kawżi tal-inċidenti biex jiddeterminaw jekk hemmx bżonn investigazzjonijiet jew azzjonijiet ta' infurzar.

# 6. KONKLUŻJONIJIET

Fl-2023, kien hemm 313-il installazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE. In-Netherlands iddekummissjonat 32 installazzjoni tul il-perjodu tar-rappurtar.

Il-produzzjoni ġenerali taż-żejt u tal-gass naqset minn 16 264 ktoe fl-2022 għal 15 518 ktoe fl-2023 (telf ta' 4.6 % fil-produzzjoni, meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 11 % bejn l-2021 u l-2022). Id-Danimarka u n-Netherlands ipproduċew 70% taż-żejt u tal-gass offshore totali fl-UE.

Il-Kummissjoni vvalutat is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE abbażi tal-informazzjoni li taw l-Istati Membri skont ir-regoli dwar ir-rappurtar stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Għalhekk, l-eżattezza tal-analiżi tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-eżattezza ta' din l-informazzjoni.

Fl-2023, l-awtoritajiet nazzjonali komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw livell għoli ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore billi spezzjonaw 388 installazzjoni (meta mqabbla mal-485 fl-2022). Ma ġiet irrapportata l-ebda azzjoni ta' infurzar matul il-perjodu ta' rapportar.

Fl-2023 ma kien hemm l-ebda aċċident kbir. It-total tal-inċidenti żdied minn 37 fl-2022 għal 44 fl-2023. Ma ġiet irrapportata l-ebda fatalità. Seħħew 49 korriment[11] u 8 korrimenti serji[12].

Bħala konklużjoni, bis-saħħa tal-ispezzjonijiet obbligatorji u l-azzjonijiet meħuda, kif stipulat fid-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-ħidma tal-awtoritajiet tal-Istati Membri reġgħet issarrfet f'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore sikuri.

Biex iżżomm livell għoli ta' sikurezza, il-Kummissjoni qed tkompli taħdem mill-qrib mal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta (EUOAG, European Union Offshore Authorities Group). L-EUOAG jippromwovi l-aqwa prattiki għat-twettiq sikur tal-operazzjonijiet kollha, u jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali rrappreżentati fil-Grupp.

[11] Il-Polonja, il-Greċja, u l-Italja – wieħed kull wieħed, ir-Rumanija 3, id-Danimarka 25, u n-Netherlands 12.
[12] L-Italja u n-Netherlands – wieħed kull wieħed, id-Danimarka 6.